MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Numru. 969/2011

**Illum 19 ta' Dicembru, 2014**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Joseph Cini**
**Omissis**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

Joseph Cini ta’ 47 sena, bin Joseph u Jane nee’ Buttigieg, imwieled Pieta fis-27 ta’ Mejju, 1964, minghajr indirizz fiss u detentur ta’ l-karta ta’ l-identita numru 304664M; u

Omissis

Akkuzati talli fit-3 t’ Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta’ qabel din id-data, minn gewwa il-fond numru 199, Triq il-Hena, Mellieha:

1. Ikkommettew serq ta’ diversi oggetti, inkluz gojjellerija, flus kontanti, apparat elettroniku u oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-familja Bellia u/jew ta’ persuna/i ohra;

2. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, l-iktar f’ aperturi, kemm ta’ barra kif ukoll ta’ gewwa, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), imma izjed minn mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47) ai termini ta’ l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Ian Michael Bellia u Marlene Diane Szyszka u/jew persuna/i ohra;

3. Iktar talli fit-3 t’ Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta’ qabel din id-data, f’ dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, liema oggetti jiswew iktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), jew xjentement b' kull mod li kien, indahlu biex ibieghuhom jew imexxihom;

4. Iktar talli nhar it-3 t' Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel u/jew ta' wara din l-istess data, gewwa l-fond nru.20 Miremare, Triq il-Hena, Mellieha, bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' haddiehor:

Lill-Joseph Cini wahdu, akkuzat ukoll talli fit-3 t' Awwissu, 2011, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel u/jew ta' wara din l-istess data, f' dawn il-Gzejjer;

5 Meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew xort' ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li kien mehtieg minn, dak l-ufficjal;

6 Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonjiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D, nhar it-28 ta' Mejju, 2009, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest, taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex reat/I ta' natura volontarja;

7 Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-istess Joseph Cini ga gie miskin hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju tal-14 ta' Marzu, 2012 (inserita a fol. 518 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli

Fir-rigward ta' Joseph Cini wahdu:

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 235(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 9 u 14(1)(2) tal-Kapitolu 258 al-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-artikoli 17, 23, 31, 467(2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Omissis wahedha:

a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 235(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Fl-artikoli 17, 23, 31, 467(2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2012 l-imputat wiegeb li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serqa li sehhet mill-fond 199, Triq il-Hena Mellieha proprjeta' ta' Ian Michael Bellia fejn huwa kien jghix mal-partner tieghu Marlene Diane Szyszka u uliedu. Mill-provi rrizulta li huma kienu msiefrin bejn it-8 ta' Lulju 2011 (l-ahhar darba li raw il-post intatt) sat-3 ta' Awwissu 2011[1]. Fit-3 t' Awwissu 2011 meta Ian Michael Bellia rritorna lura mis-safar u dahal fir-residenza tieghu li tinsab f' Santa Marija Estate fil-Mellieha sab li xi hadd kien dahal fid-dar billi sgassa shutter ta' bieb sliding tal-aluminium u kisser hgiega ta' wahda mill-bibien ta' wara tal-istess shutter. Malli fetah il-bieb ta' barra sab li min dahal qalleb id-dar kollha u nduna li kienu nsterqu diversi affarijiet inkluz hwejjeg, televisions, apparat elettroniku, gojjellerija, mobile phones u oggetti ohrajn b' valur kumplessiv ta' madwar €28,000[2]. Wara li sar ir-rapport relattiv mal-Pulizija giet infurmata il-Magistrat Inkwirenti fejn saret

[1] Ian Michael Bellia xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tat-2 ta' Settembru 2011 u tal-11 ta' Lulju 2013.
[2] Vide Dok. IB1.

ukoll Inkjesta Magisterjali[3] fejn nhatru diversi esperti li n-nomina taghhom giet debitament konfermata minn din il-Qorti. Mill-provi rrizulta li waqt li diga' kien hemm il-Pulizija fuq il-post il-partner ta Ian Michael Bellia[4] marret barra il-fond adjacenti, u cioe' in-numru 200, fi Triq il-Hena li fih ma jghix hadd, fejn rat li t-twieqi kienu mghottijin b' xugamani li hija gharfet li kienu taghha. Hija hasbet ghalhekk li xi hadd seta' wkoll dahal fl-imsemmi fond u nfurmat lill-persuna li kien jiehu hsieb din il-villa, certu Edmond Cachia. Meta dan Cachia mar u fetah il-villa bin-numru mitejn (200) sab li xi hadd kien dahal f' din ir-residenza u fiha nstabu diversi oggetti kemm mal-art kif ukoll fuq mejda konnessi mat-tehid tad-droga. Huwa nnota xi affarijiet li qabel ma kienux hemm[5] u dawn gew identifikati mill-konjugi Bellia bhala li kienu jappartjenu lilhom u li kienu gew mehuda u misruqa mid-dar taghhom. Fil-fatt Cachia sab diversi cheques[6] li kienu nhargu u gew iffirmati minn missier Bellia u li dan tal-ahhar kien halla f' daru qabel ma siefer. Inoltre meta l-konjugi Bellia tkellmu ma' xi girien dawn infurmawhom li waqt li huma kienu msiefrin kienu nnutaw vettura ta' lewn ahmar tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LAJ pparkjata fil-vicinanzi[7].

Minn stharrig li ghamlet il-Pulizija[8] rrizulta li din il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAJ 896 ndikata mill-girien kienet qed tintuza mill-imputat odjern Joseph Cini. Din il-vettura kienet registrata f' isem certu Roderick Scerri li kien bieghha lil Cini izda ma sarx it-transfer relattiv ghaliex ma giex iffirmat il-log book u ma thallasx il-prezz kollu. Il-Pulizija arrestaw lill-imputat u f' farmhouse fil-limiti tar-Rabat proprjeta' ta' certu Alexandra

---

[3] Dok. NC1 A fol. 122.
[4] Li xehdet waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2011 u dik tal-11 ta' Lulju 2013.
[5] Oggetti esebiti bhala Dok. JM2.
[6] Dok. IB2,3 u 4.
[7] Vide xhieda ta' Peter Dregmar fl-udjenza tat-13 ta Jannar 2012, xhieda ta' Marlene Farrugia ukoll fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012 u x-xhieda ta' Maria Bonnici fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012.
[8] Vide xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca tat-2 ta' Settembru 2011.

Dalmas is-siehba tal-imputat, saret tfittxija fejn gew elevati xi mobile phones u affarijiet ohra. Irrizulta li wiehed minn dawn il-mobiles li kien f' kexxun fejn kien hemm hwejjeg tal-imputat (Dok JM 1) kien jappartjeni lil Bellia. Illi ghalhekk saret tfittxija ohra f' din l-istess residenza fejn nstabu oggetti ohra li kienu jappartjenu lil familja Bellia fosthom hwejjeg kif ukoll zarbun tal-ghamla Adidas ta' lewn ahmar. Meta gie interrogat l-istess imputat[9] fuq dan il-kaz huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda maghmula lilu. Fil-fond numru 199 instab ticpis ta' demm ma xi bibien u fil-fond 200 kien instab ukoll xi demm u xi loqom ta' sigaretti[10] u fl-stadju tal-Inkjesta' Magisterjali kienet tqabdet Dr. Marisa Cassar fejn gew mghoddija dawn il-kampjuni tad-demm ghal testijiet ta' DNA. Illi rrizulta li mill-ewwel analizi li dan id-DNA kien ta' ragel u ta' mara. Fil-kors tal-kumpilazzjoni l-esperta Dr. Marisa Cassar[11] ghamlet analizi komparattiv bejn dawn il-kampjuni tad-demm u kampjuni ta' demm tal-imputat u ta' Dalmas u rrizulta li fil-fatt dawn il-kampjuni ta demm li nstabu fuq ix-xena tad-delitt kienu jaqblu mad-DNA profiles tal-imputat u ta' Dalmas.

Ikkunsidrat:

Illi fis--seduta tal-4 t' April 2014 xehed l-imputat Joseph Cini fejn qal li huwa fit-3 t' Awwissu gie rilaxxat mill-isptar fejn gew ghalih il-Pulizija u spicca arrestat. Huwa nnega li qatt gie interrogat fuq dan il-kaz jew li huwa kien tahom xi DNA. Huwa qal li kien gie infurmat minn Sandra Dalmas li l-Pulizija kienu gew id-dar taghha fejn sabu xi mobile u hwejjeg ta' that li skont huma kienu misruqa. Huwa qal li fit-3 t' Awwissu 2011 kien il-Habs u kompla jinsisti li lilu lanqas biss kelmuh hlief lil Sandra Dalmas fuq il-kaz. Huwa zied jghid li l-Pulizija kienu sparaw lejh u l-bullet

9 Vide stqarrijiet inseriti a fol. 48 sa 51,
10 Vide Dok. KG1 a fol. 220.
11 Vide rapporti relattivi a fol. 413 u a fol. 504 immarkati bhala Dok. MMMC1 u Dok. AD1.

kien hbiha gewwa gwardarobba. Huwa zied jghid li hu ma kienx xtara l-karozza ghaliex kienet Sandra li xtratha u huwa ma kellu x’ jaqsam xejn maghha. Huwa zied jghid li qatt ma kien saq din il-vettura tal-ghamla Peugeot u mas-serqiet in dizamina u sostna li dan kollu huwa frame up kontrih.

Meta xehdet Doris Vella Cassia fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2014 hija qalet li hija tahdem gewwa Mater Dei fejn esebit kopja tal-Medical File tal-imputat. Hija qalet li l-imputat kien dahal l-Emergenza fis-6 t’ Awwissu u gie trasferit fis-7 t’ Awwissu 2011. Meta regghet xehdet fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2014 qalet li l-imputat kien dahal l-isptar nhar it-18 ta’ Lulju 2011 u dam sat-22 ta’ Lulju 2011. Huwa rega’ dahal fis-7 t’ Awwissu fejn gie rilaxxjat dakinhar stess.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed issus il-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat Cini fuq varji provi cirkostanzjali li hija tirritjeni li lkoll jippuntaw lejn l-imputat bhala l-persuna nvoluta fis-serqa in dizamina. Illi jkun ghalhekk opportune li ssir referenza ghall-gurisprudenza f’ pajjizna fejn saret analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Fil-kawza fl-ismijiet r-Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti qalet is-segwenti:

> ‘L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew

> konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wiehed (06.04.2001) intqal illi:

> 'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.

Anki fil-kaz Pulizija v James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ritenut illi:

> "In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma

> jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li semghet il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni jidrilha li tista' tasal biss ghall-konkluzjoni wahda u cioe' li l-imputat kien involut fis-serqa in dizamina. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri moghtija fil-kawza fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada tal-15 ta' Mejju 2009 intqal illi:

> 'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b' konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.

F' dan il-kaz il-provi indizjarji huma univoci u lkoll jippuntaw lejn l-imputat bhala l-persuna li dahal fil-fond 200 u fil-fond 199, Triq il-Hena Mellieha u sgassa u seraq minn hemm. Il-girien tal-familja Bellia fil-fatt innutaw li kien hemm vettura pparkjata fil-vicinanzi tar-residenza taghhom fil-perjodu in dizamina. Illi mill-istharrig tal-Pulizija rrizulta li din il-vettura

nxtrat minghand Roderick Scerri fejn dan ikkonferma li kien bieghha lil Joseph Cini u l-istess Roderick Scerri lemah lill-imputat isuq il-vettura fid-direzzjoni tal-Mellieha. Illi inoltre anki Susan Scerri, omm Roderick, ikkonfermat li kien l-imputat li ha l-vettura u ffirma l-karta tal-ftehim. Illi ghalhekk ma hemmx dubju li fil-perjodu tas-serqa din il-vettura kien qieghed jaghmel uzu minnha l-imputat u li huwa kien qieghed ikun fl-akwati tar-residenzi msemmija hawn fuq. Inoltre s-sejba tal-mobile u oggetti ohra fir-residenza ta' Alexandra Dalmas juri wkoll il-konnessjoni li kien hemm bejn l-imputat u dawn l-oggetti. Illi mix-xhieda hareg li fil-fatt il-mobile tal-ghamla LG li nstab gewwa kexxun fejn kien hemm hwejjeg uzati mill-imputat. Apparti dawn l-oggetti nstabu wkoll zarbun ahmar li gie misruq mill-istess residenza kif ukoll xi hwejjeg. Illi s-sejba tal-laundry basket ikompli jorbot l-imputat ma' dan il-kaz. Illi mbaghad it-tracci ta' demm u DNA profiles fuq il-loqom tas-sigaretti li nstabu fuq ix-xena tad-delitt u li jaqblu mad-DNA profile tal-imputat ma jhallu ebda ombra ta' dubju li l-imputat kien involut fis-serqa mir-residenza tal-familja Bellia u li huwa dahal fil-fond numru 200

Ikkunsidrat

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat ghal serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok. Illi mill-provi rrizulta li nstabu kemm materjal genetiku fir-residenza fejn sehhet is-serqa kif ukoll oggetti ohrajn li nstabu fir-residenza fejn kien qieghed jabita. In oltre kien hemm provi cirkostanzjali ohrajn kif imsemmi hawn fuq li jindikaw ness bejn is-serqa u l-prezenza tal-imputat fil-postijiet imsemmija. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr ombra ta' dubju li l-imputat huwa hati ta' serq kwalifikat bil-lok, bil-valur u bil-mezz. Dan jinghad

ghaliex irrizulta li l-post fejn sehhet is-serqa kien post ta’ abitazzjoni tal-familja Bellia. Inoltre mill-lista li giet esebita minn Michael Ian Bellia johrog bic-car li l-valur tal-oggetti misruqa kien ta’ madwar €28,000 u ghalhekk l-kwalifiki tal-lok u valur gew pruvati. Fil-fehma tal-Qorti anki l-kwalifika tal-mezz tirrizulta pruvata ghaliex irrizulta li kien hemm sgass ta shutter u ksur ta’ hgiega. Ghalkemm mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm hsara volontarja kagunata l-Avukat Generali bi zvista minflok indika l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali indika l-Artikolu 235 u l-Qorti ghalhekk ma tistax issib lil-imputat hati tar-reat ta’ hsara volontarja. Inoltre una volta li l-imputat qed jinstab hati tar-reat ta’ serq huwa ma jistax jinstab ukoll hati tar-reat ta’ ricettazzjoni taht l-Artikolu 334 li evidentement inghata bhala alternattiva.

Illi fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali fil-paragrafu (d) jaghmel referenza ghall-imputazzjoni taht l-artikolu 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi din il-kontravenzjoni taghmel referenza ghall-vjolazzjoni ta’ proprjeta’ u tghid esspressament li

> *“bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta’ ta’ haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta’ qabel ta’ dan l-artikolu u lanqas band’ohra f’dan il-Kodici.”*

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-imputat apparti li dahal fir-residenza fejn sehhet is-serqa, dahal ukoll f’ residenza ohra magenb l-istess proprjeta’ (il-villa bin-numru 200). . Minn dan il-lok ma kien hemm ebda rapport ta’ serq. Illi mill-provi mressqa jidher bic-car li l-imputat ghandu jinstab hati taht dan l-artikolu u cioe’ taht l-artikolu 340 (d).

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet mmarkati bhala (f), u (g) fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Cini lkoll jirrizultaw pruvati stante li gew esebiti kopji tas-sentenzi[12] u d-digriet ghall-helsien mill-arrest[13] relattiv u l-imputat Joseph Cini sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li l-imputat Joseph Cini huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u l-Qorti sejra ghalhekk titratta mieghu bhala tali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet (e) tan-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali migjuba fil-konfronti tal-imputat Joseph Cini wkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi stante li l-artikolu 9 tal-Kap 258 jghid b' mod car li kull persuna ghandu jkollu dokument ta' identita. Illi jidher ukoll mill-Artikolu 14(1) (2) tal-Kap 258, li persuna trid taghti informazzjoni fuq l-indirizz ta' fejn tkun qieghda tghix. Illi irrizulta li l-imputat kellu mnizzel indirizz ta' proprjeta' li tappartjeni lil kugina tieghu li kienet ghal bejgh u li qatt ma taghtu permess jghix f' din ir-residenza u ghalhekk m' hemmx dubju li l-imputat ikkommetta r-reat kontemplat fl-Artikolu 14(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta. In kwantu ghall- piena l-Kap 258 jaghmel referenza ghall-Artikolu 24(2)(b) fejn jaghmlu reat kull min jaghti informazzjoni falza. Illi ghalhekk minghajr dubju, l-imputat inqeda bl-indirizz tal-kugina tieghu sabiex tkun tista' tinhareg karta tal-Identita' fuq ismu meta kien jaf li ma kienx joqghod f' dak l-indirizz.

[12] A fol. 281 et sequitur.
[13] A fol. 132.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-fatt li huwa recidiv u li mill-fedina penali tieghu jidher li huwa qatt ma gharaf jiehu l-opportunita li jaqbad it-triq it-tajba moghtija lilu minn dawn il-Qrati u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja vicin il-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-21 ta' Frar 2012 u senjatament l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2) u 281(a), 340(d), 579(1) u (2), 17, 20, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 9 u 14(1)(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Cini hati tal-ewwel, tar-raba', tal-hames, tas-sitt u tas-seba' l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames (5) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha. Stante li t-tielet imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lil dan tal-ahhar is-somma ta' €6010.38 liema ammont jirraprezenta l-iSpejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni LAJ 896.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------